**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-31 ta’ Jannar 2018 – Gyarmathy vs FRA**

**(Kawża T-196/15 P)** ([1])

***(“Appell — Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Reklutaġġ — Avviż ta’ pożizzjoni vakanti — Ċaħda ta’ kandidatura — Żvolġiment tal-proċedura ta’ selezzjoni — Żnaturament tal-provi — Obbligu ta’ motivazzjoni — Regola ta’ konkordanza bejn ir-rikors u l-ilment — Imparzjalità tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku”)***

(2018/C 094/20)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Valéria Anna Gyarmathy (Györ, l-Ungerija) (rappreżentant: A. Cech, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) (rappreżentanti: C. Manolopoulos, aġent, assistit minn B. Wägenbaur, avukat)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tal-5 ta’ Marzu 2015, Gyarmathy vs FRA (F-97/13, EU:F:2015:7), u intiż għall-annullament ta’ din is-sentenza.

**Dispożittiv**

1) *L-appell huwa miċħud.*

2) *Valéria Anna Gyarmathy hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 86, 20.3.2017.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-31 ta’ Jannar 2018 – Novartis vs EUIPO – SK Chemicals (Rappreżentazzjoni ta’ garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda)**

**(Kawża T-44/16)** ([1])

***[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda — Raġuni assoluta għal rifjut — Sinjal li jikkonsisti esklużivament fil-forma tal-prodott li hija neċessarja sabiex jinkiseb riżultat tekniku — Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament (UE) 2017/1001)”]***

(2018/C 094/21)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Novartis AG (Basel, l-Isvizzera) (rappreżentanti: inizjalment M. R. Douglas, sussegwentement A. Nordemann-Schiffel, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: H. Kunz, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* SK Chemicals GmbH (Eschborn, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Dissmann, J. Bogatz, u C. Lindenthal, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta’ Novembru 2015 (Każ R 2342/2014-5), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità bejn SK Chemicals u Novartis.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Novartis AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 111, 29.3.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Jannar 2018 – L-Italja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-91/16)** (1)

***("FSE — Programm operattiv li jaqa' fl-Objettiv 1 għar-Reġjun ta' Sicilia — Tnaqqis tal-kontribuzzjoni finanzjarja inizjalment mogħtija — Metodu ta' kalkolu b'estrapolazzjoni — Proporzjonalità — Artikolu 39(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 — Obbligu ta' motivazzjoni")***

(2018/C 094/22)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri, aġent, assistit minn P. Gentili, avvocato dello Stato)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Arenas u F. Tomat, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u ntiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015)9413, tas-17 ta' Diċembru 2015, dwar it-tnaqqis tal-kontribuzzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għall-programm operattiv għar-Reġjun ta' Sicilia, li jagħmel parti mill-qafas Komunitarju ta' appoġġ għall-interventi strutturali fir-reġjuni Taljani li huma kkonċernati mill-Objettiv Nru 1 (CCI 1999IT 161PO011).

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 136, 18.4.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 30 ta' Jannar 2018 – Arctic Cat vs EUIPO – Slazengers (Rappreżentazzjoni ta' felin li qiegħed jaqbeż lejn il-lemin)**

**(Kawża T-113/16)** (1)

***["Trade mark tal-Unjon Ewropea — Proċedimenti ta'oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali li ssemmi l-Unjoni Ewropea — Trade mark figurattiva li tirrappreżenta felin li qiegħed jaqbeż lejn il-lemin — Trade mark figurattiva preċedenti tal-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta felin li qiegħed jaqbeż lejn ix-xelug — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001]"]***

(2018/C 094/23)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Arctic Cat, Inc. (Thief River Falls, Minnesota, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: M. Hartmann u S. Fröhlich, avukati)